# Edward Lear – Iż-Żjara tiegħu fl-inħawi Ta' Sannat

*Kitba u ritratti ta' Dun Joe Calleja*



Edward Lear circa 1867

Mingħajr dubju, Edward Lear hu wieħed mill-aktar kittieba umoristiċi, poeti u artisti magħrufa tal-età Vittorjana li qatt żaru lil Malta u Għawdex. Twieled fit-12 ta Mejju 1812 u miet fid-29 ta' Jannar tal-1888. Għalkemm kiteb bosta kitbiet, fosthom djarji dettaljati tal-postijiet li kien iżur, jibqa' magħruf żgur għall-ktieb tiegħu *Book of Nonsense*. Lear ma kienx biss kittieb imma wkoll artist magħruf. Biżżejjed ngħidu li għal xi żmien kien jagħti l-lezzjonijiet tal-arti lir-Reġina Vittorja nnifisha. Magħruf b'mod speċjali għal xeni rurali tal-postijiet li kien iżur, magħmula l-aktar bit-teknika tal-*watercolours*.

**Iż-żjarat tiegħu f'Malta**

Lear żar lil Malta sitt darbiet, bl-ewwel vjaġġ ikun fis-sena 1848 u l-aħħar wieħed fis-sena 1866. Malta u Korfù kienu l-gżejjer li Lear kien iħobb l-aktar iżur. Minkejja l-fraġilità ta' saħħtu u d-diffikultajiet li wieħed kien jiltaqa' magħhom f'dawk iż-żminijiet biex jivvjaġġa, Lear baqa' determinat u entużjast li jkompli jagħmel dawn il-vjaġġi. Il-ħajja tiegħu nistgħu ngħidu li kienet tfittxija għal dawk ix-xeni u passaġġi li kienu jispirawh fl-arti tiegħu.

**Iżur Għawdex**

Fis-sena 1866, wara li mar Venezja, Lear iddeċieda li jgħaddi x-xitwa hawn Malta. F'nofs Marzu, Lear żar lil Għawdex. Mill-kitba li ħalla fid-djarju tiegħu għandna ħafna dettalji ta' din iż-żjara. Kien is-16 ta' Marzu meta hu, flimkien mal-qaddej tiegħu Giorgio Kokali rħewlha bil-karozzin mill-Belt lejn il-Marfa. Fid-djarju tiegħu Lear jikteb li meta waslu l-Marfa, "il-baħar kien kalm u mill-isbaħ." Waslu Għawdex għal nofsinhar u rħewlha bil-mixi lejn ir-Rabat fejn Lear kera żewġ kmamar f'lukanda, waħda għalih u waħda għall-qaddej tiegħu. Mill-ewwel ħa l-impressjoni li l-veduti t'Għawdex kienu pittoreski bl-għoljiet li jifirdu raħal minn ieħor. Beda jdur bil-mixi min-naħa għall-oħra t'Għawdex u jpitter xeni tal-kampanja u veduti oħra. Kien joħroġ filgħodu kmieni għas-sitta u nofs ta' filgħodu u jibqa' barra sa ħin l-ikel. Filgħaxija kien jirritorna eżawrit mill-mixi. Kien jimxi madwar ħmistax-il mil kuljum.

**Fl-Inħawi Ta' Sannat**

Kien it-Tlieta 20 ta' Marzu 1866, kmieni filgħodu meta Lear u Giorgio rħewlha lejn ix Xlendi. Mat-triq waqaf ipitter l-Għajn il-Kbira tal-Fontana u baqa' nieżel lejn il-wied tax-Xlendi, kultant jieqaf biex ipitter xi xena. Lear jikkummenta li l-wied kien "verament sabiħ u karatteristiku t'Għawdex." Sal-ħdax u nofs ta' filgħodu



Veduta tar-Rabat minn Ta' Sannat

kien wasal ix-Xlendi u kien ġa pitter xena tal-port bl-għar pittoresk. Lear jikteb li d-dehra tal-port tax-Xlendi fakkritu fil-port ta' Paleokastritsa f'Korfù. Is-sajjieda li kien hemm fuq il-bajja tax-Xlendi offrew lilu u lil Giorgio xi ħut, imma Lear iddeċieda li jkompli l-mixja tiegħu lejn l-inħawi tat-torri fejn imbagħad, hu u Giorgio, kielu xi ħaġa li kienu ħadu magħhom. Minkejja li kienu għajjenin, wara li kellhom jaqbżu bosta ħitan għax ma setgħux isibu l-passaġġi qrib tal-baħar li jibqgħu max-xfar sakemm waslu fl-inħawi ta' Ċenċ minn fejn setgħu jaraw lil Malta u kellu veduta stupenda tas-sisien ta' Ċenċ. Minħabba r-riħ qawwi però Lear ma setax jieqaf ipitter u għalhekk minn ta' Ċenċ qabad triqtu lejn ir-Rabat. Fl-inħawi fejn illum insejħulu Triq Sannat, waqaf ipitter xena bil-veduta taċ-Ċittadella. Fuq ix-xena jieħu nota li kienu l-erbgħa ta' waranofsinhar.



Ix-Xlendi - Mużew Nazzjonali Valletta

L-Erbgħa 21 ta' Marzu 1866 kienet ġurnata sabiħa. Wara li pitter xi xeni fir-Rabat, Lear u Giorgio marru lejn l-inħawi taċ-Ċawla. Hemm waqaf ipitter dik id-dar li sa ftit snin ilu konna




L-irdumijiet Ta' Ċenċ - Yale Centre for British Art

nsibuha bħala "id-dar il-ħamra" jew aħjar "il-lok l-aħmar." Minn hemm baqgħu sejrin lejn il-mitħna, it-torri u mbagħad Imġarr ix-Xini. Hemm Lear pitter xena ta' Mġarr ix-Xini. Minn fejn it-torri, hu u Giorgio baqgħu sejrin lejn il-wied li kien mimli b'kull varjetà ta' ħxejjex u fjuri: gladjoli, iris, acanthus, asparagi, frawli u fjuri selvaġġi. Minn hemm, imbagħad, qabdu t-triq li tagħti għal ta' Ċenċ fejn iltaqgħu ma' xi bdiewa li tawhom l-ilma. Fl-inħawi ta' Ċenċ li jħarsu lejn ix-Xewkija, waqfu jieklu l-laħam tal-beċċun kiesaħ, bajd, ġobon u larinġ. Fl-istess waqt Lear pitter veduta panoramika tal-għoljiet u l-villaġġi t'Għawdex kif jidhru minn dawk l-inħawi. Fid-djarju tiegħu jikteb li kien ferħan u kemm kienu siekta u pjaċevoli dawk l-inħawi.

Wara l-ikel, fit-triq tiegħu biex ipitter l-irdumijiet ta' Ċenċ, Lear għadda minn ħdejn Palazzo Palina (il-palazz ta' Ċenċ) u dwaru jikkummenta li kien fi stat tajjeb ta' preservazzjoni. Għal Lear, l-irdumijiet ta' Ċenċ kienu stupendi u billi f'din il-ġurnata ma kienx hemm riħ, seta' jieqaf u jpitter żewġ xeni tal-irdumijiet. Kopja ta' waħda minn dawn ix-xeni kienet ġiet ippubblikata fil-ktieb tal-poeżiji ta' Alfred Tennyson bħala stampa għall-poeżija *The Palace of Art* biex takkumpanja l-versi: "One show'd an iron coast and angry waves." Lejn l-erbgħa ta' waranofsinhar, Lear mar lura lejn ir-Rabat.


SANNAT

CENTRAL STORE

MON-SAT 5.30AM-NOON 4.00PM-7.00PM

TEL: 2155 9160